SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

15 ta' Diċembru 2009 *

Fil-Kawża C-372/05,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fis-7 ta' Ottubru 2005,

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn C. Cattabriga kif ukoll minn G. Wilms, D. Triantafyllou u H. Støvlbæk, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, irrappreżentata minn M. Lumma, bħala aġent, assistit minn C. von Donat, avukat,

konvenuta,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

sostnuta minn:

Ir-Renju tad-Danimarka, irrappreżentat minn J. Bering Liisberg, bħala aġent,

Ir-Repubblika Ellenika, irrappreżentata minn E.-M. Mamouna u A. Samoni-Rantou, kif ukoll minn K. Boskovits, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

Ir-Repubblika tal-Finlandja, irrappreżentata minn E. Bygglin u A. Guimaraes-Purokoski, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, A. Tizzano, J. N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, E. Levits u C. Toader, Presidenti ta' Awla, C. W. A. Timmermans, A. Borg Barthet (Relatur), M.Ilešič, J. Malenovský u U. Lõhmus, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-25 ta' Novembru 2008,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-10 ta' Frar 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li, billi rrifjutat li tikkalkola u tittrasferixxi l-ammont ta' riżorsi proprji li ma ngħabrux matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, minħabba l-importazzjoni ta' materjal militari eżentat minn dazju mhux previst mil-leġiżlazzjoni doganali Komunitarja, kif ukoll billi rrifjutat li tħallas l-interessi moratorji minħabba li ma qegħditx l-imsemmija riżorsi proprji għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2 u l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/89, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplementa d-Deċiżjoni 88/376/KEE, Euratom, dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom (ĠU L 155, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 1355/96, tat-8 ta' Lulju 1996 (ĠU L 175, p. 3, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1552/89"), u l-istess artikoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 169).

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

2 L-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 88/376/KEE, Euratom, tal-24 ta' Ġunju 1988, dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 176), u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE, Euratom, tal-31 ta' Ottubru 1994, dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitjiet Ewropej innifishom (ĠU L 293, p. 9), jipprovdi li:

"Dħul minn dawn li ġejjin għandhom jikkonstitwixxu riżorsi tagħhom [proprji] imdaħħla fil-bilanċ tal-Komunitajiet:

[…]

(b) It-tariffa doganali komuni u dazji oħrajn mwaqqfa jew li għandhom jiġu mwaqqfa mill-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet rigward il-kummerċ ma' pajjiżi li mhumiex membri u dazji fuq prodotti li jaqgħu taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar;

[…]"

3 L-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali tal-Komunità"), jipprovdi li:

"1. Dazji legalment dovuti meta jiġi inkors dejn doganali għandhom ikunu bbażati fuq it-Tariffa Doganali tal-Komunitajiet Ewropej.

[…]

3. It-Tariffa Doganali tal-Komunitajiet Ewropej għandha tikkomprendi:

(a) in-nomenklatura magħquda tal-merkanzija;

[…]

(ċ) ir-rati u kapi ta' spejjeż oħra normalment applikabbli għal merkanzija koperta min-nomenklatura magħquda fir-rigward:

— dazji doganali;

[…]

(d) il-miżuri dwar tariffa preferenzjali li jinsabu f'patti ta' ftehim li l-Komunità kkonkludiet ma' ċerti pajjiżi jew gruppi ta' pajjiżi u li jipprovdu għall-għoti ta' trattament preferenzjali dwar it-tariffa;

(e) miżuri preferenzjali dwar it-tariffa adottati unilateralment mill-Komunità fir-rigward ta' ċerti pajjiżi, gruppi ta' pajjiżi jew territorji;

(f) miżuri awtonomi sospensivi li jipprovdu għal tnaqqis fi jew eżenzjoni mid-dazji fuq l-importazzjoni imponibbli fuq ċerta merkanzija;

(g) miżuri oħra tat-tariffa li hemm provdut dwarhom f'leġislazzjoni oħra tal-Komunità.

[…]"

4 L-Artikolu 217(1) tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità jipprovdi li:

"Kull ammont ta' dazju fuq l-importazzjoni jew dazju fuq l-esportazzjoni li jirriżulta minn dejn doganali, minn hawn 'l isfel imsejjaħ 'ammont ta' dazju', għandu jiġi kalkolat

mill-awtoritajiet doganali malli jkollhom id-dettalji meħtieġa, u għandu jiddaħħal minn dawk l-awtoritajiet fil-kotba tal-kontijiet jew f'kull mezz ieħor ekwivalenti (dħul fil-kontijiet).

[…]"

5 Fil-kuntest tat-tqegħid tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament Nru 1552/89, applikabbli matul il-perijodu inkwistjoni f'din il-kawża sat-30 ta' Mejju 2000. Dan ir-regolament ġie sostitwit, mill-31 ta' Mejju 2000, bir-Regolament Nru 1150/2000 li jikkodifika r-Regolament Nru 1552/89 mingħajr ma jemenda l-kontenut tiegħu.

6 L-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1552/89 jipprovdi li:

"1. Għall-iskop li jkun applikat dan ir-Regolament, l-intitolament tal-Komunità għar-riżorsi tagħha proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) tad-Deċiżjoni 88/376/KE, Euratom għandhom ikunu stabbiliti malli l-kondizzjonijiet li hemm dispożizzjoni dwarhom bir-regolamenti tad-dwana jkunu twettqu rigward id-dħul għall-intitolament fil-kontijiet u n-notifikazzjoni tad-debitur.

1a. Id-data li għandha titqies għall-konstatazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun id-data tad-dħul fil-kontijiet prevista mir-regolamenti doganali.

[…]"

7 L-Artikolu 9(1) ta' dan ir-regolament jipprovdi li:

"Skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 10, kull Stat Membru għandu jikkredita r-riżorsi tiegħu proprji fil-kont miftuħ f'isem il-Kummissjoni mat-Teżor tiegħu jew mal-korp li jkun ħatar.

Dan il-kont għandu jinżamm mingħajr ħlasijiet."

8 Skont l-Artikolu 10(1) tal-imsemmi regolament:

"Wara tnaqqis ta' 10 % bħala spejjeż tal-ġbir bi qbil ma' l-Artikolu 2(3) tad-Deċiżjoni 88/376/KE, Euratom, id-dħul tar-riżorsi tagħha proprji msemmija fl-Artikolu 2(1)(a) u (b) ta' dik id-Deċiżjoni għandu jseħħ mhux aktar tard mill-ewwel jum tax-xogħol wara d-19-il jum tat-tieni xahar ta' wara x-xahar li fi[h] l-intitolament kien ġie stabbilit bi qbil ma' l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

[…]"

9 L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1552/89 jipprovdi li:

"Kull dewmien biex isir id-dħul fil-kont msemmi fl-Artikolu 9(1) għandu jagħti bidu għal pagament ta' imgħax mill-Istat Membru kkonċernat bir-rati ta' l-imgħax

applikabbli fis-suq monetarju ta' dak l-Istat, fid-data li suppost ikun seħħ, għal operazzjonijiet ta' żmien qasir ta' finanzjament pub[b]liku, miżjud b'żewġ punti perċentwali. Din ir-rata għandha tkun miżjuda bi 0,25 ta' punt perċentwali għall kull xahar ta' dewmien. Ir-rata miżjuda għandha tkun applikata għal perjodu kollu tad-dewmien."

10 Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament Nru 1150/2000:

"Regolament (KEE, [Euratom]) Nru 1552/89 għandu jkun imħassar.

Referenzi għall-imsemmi Regolament għandhom ikunu meqjusa bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw bi qbil mat-tabella ta' korrelazzjoni esiġita f'Parti A ta' dan l-Anness."

11 Għaldaqstant, apparti l-fatt li r-Regolamenti Nri 1552/89 u 1150/2000 jirreferu, b'mod partikolari, wieħed għad-Deċiżjoni 88/376 u, l-ieħor għad-Deċiżjoni 94/728, l-Artikolu 2 u l-Artikoli 9 sa 11 ta' dawn iż-żewġ regolamenti huma, essenzjalment, identiċi.

12 Ir-rata ta' 10 % msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1150/2000 ġiet miżjuda għal 25 % permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE, Euratom, tad-29 ta' Settembru 2000, dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3. p. 200).

13 Il-punt 1 tal-motivi tal-imsemmija deċiżjoni jipprovdi li:

"Il-Kunsill Ewropew li ltaqa' f'Berlin fl-24 u l-25 ta' Marzu 1999 ikkonkluda, fost oħrajn, li s-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunità għandh[a] [t]kun ekw[a], trasparenti, effettiv[a] skond l-ispiża, sempliċi u bbażat[a] fuq kriterji li jesprimu l-aħjar abbiltà ta' kull Stat Membru biex jikkontribwixxi."

14 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 150/2003, tal-21 ta' Jannar 2003, li jissospendi d-dazji fuq l-importazzjoni fuq ċerti armamenti u apparat militari (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 13, p. 15), adottat abbazi tal-Artikolu 26 KE, jipprovdi, fil-premessa 5 tiegħu, li:

"Sabiex tiġi protetta l-kunfidenz[ja]lità [militari] ta' l-Istati Membri huwa meħtieġu li jiġu stabbiliti proċeduri amministrattivi speċifiċi għall-għoti tal-benefiċċju tas-sospensjoni tad-dazji. Dikjarazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li għalih huma ddestinati l-armamenti u l-apparat militari, li tista' wkoll tintuża bħala dikjarazzjoni tad-dwana kif mitlub mill-Kodiċi Doganali, tikkonstitwixxi garanzija xierqa li dawn il-kondizzjonijiet jiġu mħarsa. Id-dikjarazzjoni għandha tingħata f'forma ta' ċertifikat. Huwa xieraq li tiġi speċifikata l-forma, li biha ser isiru dawn iċ-ċertifikati u li jkun permess l-użu ta' mezzi u metodi ta' data processing għad-dikjarazzjoni."

15 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament jipprovdi li:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kondizzjonijiet għas-sospensjoni awtonoma tad-dazji ta' l-importazzjoni fuq ċerti armamenti u apparat militari importat minn jew f'isem l-awtoritajiet inkarigati mid-difiza militari ta' l-Istati Membri minn pajjiżi terzi."

16 L-Artikolu 3(2) tal-imsemmi regolament jipprovdi li:

"Minkejja l-paragrafu 1, minħabba raġunijiet ta' kunfidenz[ja]lità militari, iċ-ċertifikat u l-merkanzija impurtata jistgħu jinghataw lil awtoritajiet oħra nominati mill-Istat Membru għal dan il-għan. F'każijiet bhal dawn l-awtorità kompetenti lokali li toħrog iċ-ċertifikat għandha tibgħat rapport qasir fuq dawn l-importazzjonijiet lill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istat Membru qabel il-31 ta' Jannar u l-31 ta' Lulju ta' kull sena. Ir-rapprt għandu jkopri perjodu ta' 6 xhur li jippreċedu dak ix-xahar li fih ir-rapport irid jiġi sottomess. Għandu jkun fih in-numru u d-data tal-ħrug taċ-ċertifikati, id-data ta' l-importazzjoni u l-valur totali u l-piż gross tal-prodotti mpurtati maċ-ċertifikati."

17 Skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 150/2003, dan ir-regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2003 'l quddiem.

Il-proċedura prekontenzjuża

18 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li l-eżenzjoni, mis-sena 1998, ta' dazju doganali fuq l-importazzjoni ta' apparat militari, kienet ikkawżat telf ta' riżorsi proprji għall-Komunità. Hija stiednet lil dan l-Istat Membru jikkalkola l-ammonti mhux miġbura għas-snin finanzjarji mis-sena 1998 u sabiex jgħaddilha dawn l-ammonti qabel il-31 ta' Marzu 2002. Hija informat ukoll lill-awtoritajiet Ġermaniżi li l-interessi moratorji kienu dovuti minn din id-data tal-aħħar, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 1150/2000.

19 Fir-risposti tagħha tat-13 ta' Marzu u tas-6 ta' Mejju 2002, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja qieset li, taħt l-Artikolu 296(1)(b) KE, hija tista' tidderoga mill-applikazzjoni

ta' tariffi doganali komuni, meta l-importazzjoni tikkonċerna apparat intiż esklużivament għal finijiet militari, u dan bl-għan li jiġu protetti l-interessi vitali tas-sigurtà tagħha.

20 Permezz ta' ittra tal-24 ta' Marzu 2003, il-Kummissjoni rrepetiet it-talba oriġinali tagħha dwar l-importazzjonijiet qabel l-1 ta' Jannar 2003, peress li l-perijodu ta' wara din id-data huwa kopert bir-Regolament Nru 150/2003.

21 Fir-risposta tagħha tat-12 ta' Mejju 2003, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja sostniet il-pożizzjoni oriġinali tagħha fir-rigward tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-ammonti ta' riżorzi proprji inkwistjoni.

22 Permezz ta' ittra tas-17 ta' Ottubru 2003, il-Kummissjoni intimat lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

23 Fir-risposta tagħha tad-19 ta' Jannar 2004, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja baqgħet issostni fehmitha.

24 Wara li eżaminat ir-risposta tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fit-18 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata li fiha stiednet lil dan l-Istat Membru jadotta l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonforma ruħu ma' din l-opinjoni, f'terminu ta' xahrejn min-notifika tagħha. Fis-16 ta' Diċembru 2004, l-imsemmi Stat Membru rrisponda li kien ser jibqa' jsostni l-pożizzjoni tiegħu.

25 Peress li, barra minn hekk, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għamlet ħlas ta' EUR 10 803 000 b'riżerva u mingħajr ma qasmet is-somma skont l-importazzjonijiet u d-diversi perijodi, u peress li l-Kummissjoni ma kellhiex biżżejjed informazzjoni sabiex

tagħmel dan, permezz ta' ittra tas-16 ta' Diċembru 2004, din tal-aħħar stiednet lil dan l-Istat Membru sabiex jagħmel dan it-tqassim huwa stess, bl-għan li jiġu kkalkolati l-interessi moratorji. Fir-risposta tiegħu tat-22 ta' Frar 2005, l-imsemmi Stat Membru rrifjuta li jagħti din l-informazzjoni billi sostna li din kienet ta' natura kunfidenzjali.

26 Għaldaqstant, fid-dawl tal-elementi pprovduti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, u peress li dan l-Istat Membru ma kkonformax ruħu mal-opinjoni motivata, il-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

27 Permezz ta' digrieti tat-23 ta' Frar 2006 u tal-4 ta' Mejju 2006, rispettivament, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja laqa' t-talba tar-Renju tad-Danimarka, tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika tal-Finlandja sabiex jintervjenu fil-kawża, insostenn tat-talbiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Fuq ir-rikors

Fuq l-ammissibbiltà

28 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà minħabba difett proċedurali fir-rikors, jiġifieri l-għażla ta' liġi żbaljata. Dan l-Istat Membru jispjega li, peress li huwa invoka l-Artikolu 296 KE sabiex ma jħallasx id-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet inkwistjoni ta' materjal militari, il-Kummissjoni ma kellhiex dritt tippreżenta dan ir-rikors abbażi tal-Artikolu 226 KE, iżda kienet obbligata tuża l-proċedura speċjali pprovduta fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 298 KE.

29 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li, permezz ta' dan ir-rikors, l-għan tal-Kummissjoni huwa li jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 2 u l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolamenti Nri 1552/89 u 1150/2000. L-Artikolu 298 KE jista' japplika biss jekk il-Kummissjoni tallega abbuż tas-setgħat stabbiliti fl-Artikoli 296 u 297 KE.

30 Konsegwentement, l-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

31 Fit-tieni lok, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li dan ir-rikors huwa inammissibbli peress li, minħabba n-natura stess tiegħu, il-Kummissjoni ma setgħetx turi l-ksur tat-Trattat KE. Fil-fatt, peress li l-Istat Membru ma huwiex obbligat jipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni, din tal-aħħar, ma għandhiex provi biżżejjed dwar l-importazzjonijiet inkwistjoni sabiex turi nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt it-Trattat.

32 Fit-tielet lok, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li kellha dritt ma tagħtix l-informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni u li r-rikors ibbażat, b'mod partikolari, fuq dan in-nuqqas ta' informazzjoni huwa għaldaqstant inammissibbli wkoll f'dan ir-rigward.

33 Fir-rigward tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà mqajma mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għandu jiġi kkonstatat li dawn jikkonċernaw, minn naħa, l-oneru tal-prova tal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, l-applikabbiltà u l-portata tal-Artikolu 296 KE. Għaldaqstant, dawn jikkonċernaw ħafna iktar il-mertu tal-azzjoni tal-Kummissjoni milli l-forma jew il-legalità tagħha.

34 Konsegwentement, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà għandhom jiġu miċħuda.

35 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikors tal-Kummissjoni għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

Fuq il-mertu

L-argumenti tal-partijiet

36 Il-Kummissjoni ssostni li huwa żbaljat li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinvoka l-Artikolu 296 KE sabiex tirrifjuta l-ħlas ta' dazji doganali, peress li l-ġbir tagħhom ma jheddidx l-interessi vitali tas-sigurtà ta' dan l-Istat Membru.

37 Il-Kummissjoni tqis li huwa żbaljat ir-raġunament tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja li l-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet ta' apparat militari u għaldaqstant, dwar is-sigurtà ta' dan l-Istat Membru, ma tistax tingħatalha u li, konsegwentement, din tal-aħħar ma għandhiex tħallas id-dazji doganali inkwistjoni.

38 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-miżuri li jistabbilixxu derogi jew eċċezzjonijiet, b'mod partikolari, bħall-Artikolu 296 KE, għandhom jiġu interpretati b'mod strett. Għaldaqstant, l-Istat Membru kkonċernat, li jinvoka l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, għandu juri li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-artikolu tal-aħħar meta jkun irid jidderoga mill-Artikolu 20 tal-Kodiċi Doganali tal-Komunità, fejn fil-fatt jinsab il-prinċipju ġenerali ta' ġbir ta' dazji bħal dak stabbilit fl-Artikolu 26 KE.

39 Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-fatt biss li xi prodotti jinsabu fil-lista stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 255/58, tal-15 ta' April 1958, lista li tiddefinixxi l-prodotti li jista' jiġi applikat għalihom l-Artikolu 296(1)(b) KE, waħdu ma huwiex biżżejjed sabiex

jiġġustifika l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li tissoponi li l-kundizzjonijiet kollha ta' din tal-aħħar ikunu sodisfatti.

40 Konsegwentement, il-Kummissjoni ssostni li hija r-Repubblika Federali tal-Ġermanja li għandha tagħti provi speċifiċi u dettaljati li l-ġbir tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, jhedded l-interessi vitali tas-sigurtà ta' dan l-Istat Membru.

41 F'dan ir-rigward, id-dikjarazzjonijiet ġenerali ta' dan l-Istat Membru li l-kapaċità ta' difiża tkkostitwixxi element essenzjali tal-politika ta' sigurtà tiegħu, kif ukoll il-fatt li l-kooperazzjoni internazzjonali, li hija indispensabbli għall-politika ta' difiża tiegħu, tkun kunsiderevolment ostakolata minħabba l-obbligu li jħallas dazji doganali fuq il-materjal inkwistjoni, ma jikkostitwixxux tali prova. L-istess japplika għall-argument li l-klawżoli ta' kunfidenzjalità li jinsabu fil-konvenzjonijiet internazzjonali u l-kunfidenzjalità militari jostakolaw l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali Komunitarja. Fl-aħħar nett, il-fatt li Stati Membri oħra jiġbru u jħallsu dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' materjal militari jikkonferma li dan huwa perfettament possibbli fir-rigward ta' dan it-tip ta' materjal.

42 Il-Kummissjoni tqis li l-funzjonament tas-sistema doganali tal-Komunità tiggarantixxi l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni pproċessata. Barra minn hekk, peress li l-imsemmija sistema hija applikata minn aġenti nazzjonali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija f'pożizzjoni li tiżgura li l-interessi vitali tas-sigurtà tagħha jkunu ggarantiti.

43 Il-Kummissjoni tikkunsidra li, għal dak li jikkonċerna l-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-fatt li żieda fl-ispiża tal-importazzjonijiet ta' materjali ta' armamenti tista' tippreġudika l-kapaċità ta' difiża tagħha, ebda data konkreta li tipprovdi prova ta' tali preġudizzju ma ngħatat minn dan l-Istat Membru. Għall-kuntrarju, l-uniku ħlas li sar matul is-sena 2004, tad-dazji doganali dovuti għal ħames snin, ma jidhirx li naqqas l-isforzi tal-imsemmi Stat fil-qasam tad-difiża.

44 Il-Kummissjoni tenfasizza li ma huwiex aċċettabbli li Stat Membru jeżenta l-importazzjonijiet ta' apparat militari mid-dazji doganali bl-għan li jnaqqas il-kost tal-materjal ta' gwerra, għaliex dan juri li dan l-Istat Membru ma jkunx osserva l-obbligi tiegħu ta' kofinanzjament solidali tal-baġit Komunitarju.

45 F'dan ir-rigward il-Kummissjoni tenfasizza li dan in-nuqqas mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja li tiġbor id-dazji doganali inkwistjoni, joħloq differenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom għall-baġit Komunitarju. Fil-fatt, dan in-nuqqas ta' ġbir iwassal għal tnaqqis fir-riżorsi proprji tradizzjonali tal-Komunità li jistgħu jiġu kkumpensati biss permezz ta' żieda fir-riżors imsejjaħ "PGN" (prodott gross nazzjonali), li huwa maqsum bejn l-Istati Membri kollha.

46 Il-Kummissjoni tenfasizza li l-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja dwar il-biża' li tiġi mxerrda l-informazzjoni mogħtija fid-dikjarazzjoni doganali u l-biża' li l-proċedura ta' kontroll tista' twassal lill-istituzzjonijiet Komunitarji sabiex jimminaw il-kunfidenzjalità militari, huwa irrilevanti.

47 Ir-Regolament Nru 150/2003 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-kwantità ta' apparat militari ordnat. Konsegwentement, huwa sorprendenti, għal dak li jikkonċerna r-riżorsi proprji tal-Komunitajiet, li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tinvoka l-interessi tas-sigurtà maġġuri li jipprekludu l-għoti ta' informazzjoni meħtieġa għall-ġbir ta' dawn ir-riżorsi.

48 Barra minn hekk, skont il-Kumissjoni tali pożizzjoni ma tantx hija rikonċiljabbli mal-fatt li, permezz tal-Internet, kulħadd jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni li tikkonċerna, pereżempju, il-kwantitajiet mixtrija f'dan il-qasam. Din l-informazzjoni, li tista' tiġi kkonsultata liberament, hija ħafna iktar dettaljata minn dik meħtieġa għall-klassifikazzjoni fit-tariffa doganali komuni u għall-ħlas ta' riżorsi proprji.

49 Il-Kummissjoni tqis bħala infondat l-argument tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja bbażat fuq il-fatt li n-negozjati li wasslu għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 150/2003 u s-sospensjoni, matul is-sena 1984, tal-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mibdija kontra l-istess Stat Membru, nisslu aspettattivi leġittimi fis-sens li dan l-Istat seta' raġonevolment jistenna li anki matul is-snin meta r-regolament kien qiegħed jiġi ppreparat, huwa seta' jimporta apparat militari eżenti mid-dazju.

50 Fil-fatt, il-Kummissjoni tippreċiża li r-Regolament Nru 150/2003 japplika mill-1 ta' Jannar 2003 u li matul id-diskussjonijiet rigward l-adozzjoni tiegħu, hija ddikjarat li kellha tiġbor id-dazji doganali inkwistjoni, għall-passat, b'mod li ma tista' tiġi dedotta ebda protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi mill-adozzjoni tiegħu. Barra minn hekk, dan ir-regolament huwa bbażat fuq l-Artikolu 26 KE, u mhux fuq l-Artikolu 296 KE.

51 Bl-istess mod, il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma tistax tiġi dedotta mis-sospensjoni tal-proċeduri speċjali għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu matul is-sena 1984, peress li fil-kuntest tal-Artikolu 226 KE, il-Kummissjoni għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tippermettilha tiddeċiedi, b'mod partikolari, jekk tibdiex proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jew jekk tkomplihomx.

52 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tirrispondi li, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 296(1)(b) KE huma sodisfatti. Hija tikkunsidra li mill-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li t-Trattat ried jagħti lill-Istati Membri setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-miżuri li jistgħu jieħdu sabiex jipproteġu l-interessi vitali tas-sigurtà tagħhom u li jirrigwardaw il-prodotti li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 296(1)(b) KE. Għaldaqstant, dan l-Artikolu 296(1)(b) KE jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mill-Artikolu 26 KE u mill-Kodiċi Doganali tal-Komunità fil-każ ta' importazzjonijiet ta' apparat intiż esklużivament għal finijiet militari u meta l-għan ta' dawn l-importazzjonijiet ikun li jiġu protetti l-interessi vitali tas-sigurtà tal-Istati Membri kkonċernati.

53 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tgħid ukoll li ma hijiex obbligata tiġbor dazji doganali fuq l-importazzjoni tal-materjal militari kollu u, għaldaqstant ma setax ikun hemm ksur tal-Artikolu 2 u l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolamenti Nri 1552/89 jew 1150/2000. Fil-fatt, ma jeżisti ebda obbligu ta' dan it-tip, peress li, minn naħa, id-dritt Komunitarju ma jipprovdix għal obbligu illimitat li jinġabru dazji doganali fuq l-apparat militari u, min-naħa oħra, l-interessi vitali tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja fil-qasam tas-sigurtà jipprekludu l-ġbir ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' dan l-apparat.

54 Barra minn hekk, il-konvenuta tikkunsidra li l-Kummissjoni tilfet id-dritt li tikseb dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fir-rigward tal-eżenzjoni mid-dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' apparat militari peress li tat l-impressjoni li, matul is-sena 1984, temmet il-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu f'dan ir-rigward sabiex, sussegwentement, filwaqt li s-sitwazzjoni baqgħet l-istess u b'kunsiderazzjoni għax-xogħlijiet preparatorji li jikkonċernaw ir-Regolament Nru 150/2003, reġgħet bdiet il-proċedura bl-għan li tippenalizza aġir li, sa dak iż-żmien, kien aċċettat jew tollerat. Fil-fatt, id-dritt Komunitarju ma jipprovdix għal mekkaniżmu ta' sospensjoni "provviżorja" tal-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Kummissjoni kellha tkompli jew ittemm il-proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontriha, u mhux tinterrompihom għal sbatax-il sena.

55 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tenfasizza li qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 150/2003, ebda dispożizzjoni proċedurali speċifika ma kienet tipprovdi għal ġbir ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' materjal ta' armamenti u fuq il-kontroll ta' dan il-ġbir, li jagħti prova li ma jeżistix obbligu Komunitarju li jinġabru d-dazji doganali inkwistjoni.

56 Skont dan l-Istat Membru, il-fatt jekk jinġabrux jew le dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' materjal ta' armamenti għandu effett fuq il-kummerċ ta' armi, ta' munizzjon u ta' materjal tal-gwerra. Filwaqt li l-ġbir ta' dawn id-dazji doganali jillimita dan il-kummerċ, u konsegwentement inaqqas il-kapaċità operattiva tal-armata u jippreġudika l-libertà ta' dan l-Istat Membru li jaġixxi fil-qasam tal-akkwist ta' materjal ta' difiża, in-nuqqas ta' ġbir tal-imsemmija dazji jippermetti li jiġi estiż il-kummerċ u li tiġi msaħħa l-kooperazzjoni fil-qasam tal-armamenti fis-sens tal-Artikolu 17 UE.

57 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tenfasizza wkoll li l-kriterju ta' miżuri "meħtieġa" fis-sens tal-Artikolu 296 KE huwa interpretat b'mod eżaġerat mill-Kummissjoni. Dan ma jfissirx li għandu jintwera li kien ikun hemm preġudizzju serju għall-interessi vitali tas-sigurtà kieku l-miżura ta' protezzjoni ma tkunx ittieħdet. Huwa biżżejjed li din il-miżura ttejjeb is-sitwazzjoni ta' sigurtà u tkun sempliċiment meħtieġa għal raġunijiet ta' difiża nazzjonali.

58 Bl-istess mod, l-obbligu ta' kunfidenzjalità ma jippermettix lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tagħti informazzjoni lill-Kummissjoni u l-ksur ta' dan l-obbligu jista' jimmina l-interessi ta' dan l-Istat Membru fir-rigward tas-sigurtà tal-informazzjoni. Barra minn hekk, id-dmir ta' lealtà stabbilit fl-Artikolu 10 KE ma jinvolvix l-implementazzjoni ta' miżuri sproporzjonati, bħat-twaqqif ta' proċedura doganali speċifika.

59 Fil-fatt, l-ipproċessar miftuħ tal-informazzjoni li tkun tinsab f'dikjarazzjoni doganali jista' jippreġudika serjament l-interessi vitali tas-sigurtà tal-Istati Membri. Il-miżuri ta' kunfidenzjalità stabbiliti mill-Kodiċi Doganali tal-Komunità ma humiex biżżejjed sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet ta' sigurtà u ta' kunfidenzjalità li Stat Membru għandu dritt li jimponi fir-rigward ta' informazzjoni li tikkonċerna s-sigurtà tiegħu.

60 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ssostni li l-fatt li Stat Membru eżenta l-materjal militari mid-dazji doganali fuq l-importazzjoni abbażi tal-Artikolu 296 KE ma jiksirx, neċessarjament, il-prinċipju ta' solidarjetà Komunitarja. Ikun kuntrarju għal dan il-prinċipju li l-Istati Membri li jsostnu l-ispejjeż il-kbar f'dan il-qasam, ikunu meħtieġa jipprovdu kontribut ikbar għall-finanzjament tal-baġit Komunitarju.

61 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija tal-fehma li l-adozzjoni tar-Regolament Nru 150/2003 jikkonferma l-ħtieġa li jiġu rrispettati l-interessi tas-sigurtà tal-Istati Membri u d-dritt tagħhom li jinvokaw il-kunfidenzjalità meta dan ikun meħtieġ.

62 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tosserva li, abbazi tar-Regolament Nru 150/2003, il-ġbir ta' dazji doganali fuq ċerti armamenti u apparat militari importati minn Stati terzi, ukoll ġie eskluż mill-1 ta' Jannar 2003, li hija d-data li fiha dan ir-regolament ġie ddikjarat applikabbli. Għaldaqstant, minn din id-data 'l quddiem, l-interessi ta' dan l-Istat Membru f'dak li jikkonċerna l-importazzjoni ta' materjal ta' armamenti ġew protetti mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament. Madankollu, in-nuqqas ta' ġbir ta' dazji doganali fuq dawn l-importazzjonijiet kien meħtieġ kemm qabel, kif ukoll wara din id-data, sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi vitali tas-sigurtà tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-fatt li mis-sena 1988 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill (KEE) dwar is-sospensjoni temporanja ta' dazji doganali li jirrigwardaw ċerti armamenti u apparat militari (ĠU C 265, p. 9) juri li din tal-aħħar kienet konxja mill-fatt li n-nuqqas ta' ġbir tad-dazji doganali fuq l-imsemmija importazzjonijiet kien meħtieġ sabiex jiġu protetti dawn l-interessi.

63 Dan l-Istat Membru jikkonkludi li, mill-adozzjoni ta' din il-proposta, u anki jekk kien biss fl-2003 li l-proposta wasslet għar-Regolament Nru 150/2003, l-Istati Membri setgħu ġustament jikkunsidraw li ma kienx meħtieġ li jinġabru dazji fuq il-kapital għall-importazzjonijiet ta' "oġġetti għal użu eklużivament militari" li jinsabu fuq il-lista stabbilita mid-Deċiżjoni 255/58.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

64 Il-Kodiċi Doganali tal-Komunità jipprovdi għall-ġbir ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni ta' oġġetti għall-użu militari, bħal dawk inkwistjoni, li ġejjin minn Stati terzi. L-ebda dispożizzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali tal-Komunità ma tipprovdi, għall-perijodu tal-importazzjonijiet inkwistjoni, jiġifieri dak mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 2002, għal eżenzjoni speċifika tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' dan it-tip ta' oġġetti. Konsegwentement, għal dan il-perijodu lanqas teżisti eżenzjoni speċifika mill-obbligu li jitħallsu d-dazji dovuti flimkien, jekk ikun il-każ, mal-interessi moratorji, lill-awtoritajiet kompetenti.

65 Barra minn hekk, mill-adozzjoni tar-Regolament Nru 150/2003 li jipprovdi għas-sospensjoni tad-dazji doganali fuq ċerti armamenti u apparat militari mill-1 ta' Jannar 2003, jista' jiġi dedott li l-leġiżlatur Komunitarju bbaża ruħu fuq l-ipoteżi li obbligu li jitħallsu l-imsemmija dazji doganali kien jeżisti qabel din id-data.

66 Barra minn dan, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fl-ebda mument, ma ċaħdet l-eżistenza tal-importazzjonijiet inkwistjoni matul il-perijodu meħud inkunsiderazzjoni. Apparti dan, matul il-proċedura prekontenzjuża, hija għamlet ħlas, inkwantu riżorsi proprji, ta' EUR 10 803 000 relatati mal-importazzjonijiet inkwistjoni, mingħajr ma qasmet din is-somma skont l-importazzjonijiet u d-diversi perijodi.

67 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja llimitat ruħha li tikkontesta d-dritt tal-Komunità fuq ir-riżorsi proprji inkwistjoni billi argumentat li, skont l-Artikolu 296 KE, l-obbligu li jitħallsu d-dazji doganali fuq il-materjal ta' armamenti importati minn Stati terzi jippreġudika, b'mod serju, l-interessi vitali tas-sigurtà tagħha.

68 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu l-miżuri xierqa sabiex jiżguraw is-sigurtà interna u esterna tagħhom, dan ma jfissirx madankollu li tali miżuri jaqgħu kompletament barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju (ara s-sentenzi tas-26 ta' Ottubru 1999, Sirdar, C-273/97, Ġabra p. I-7403, punt 15, u tal-11 ta' Jannar 2000, Kreil, C-285/98, Ġabra p. I-69, punt 15). Fil-fatt, kif ġie diġà kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, it-Trattat jipprovdi derogi speċifiċi applikabbli fil-każ ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jimminaw is-sigurtà pubblika biss fl-Artikoli 30 KE, 39 KE, 46 KE, 58 KE, 64 KE, 296 KE u 297 KE, li jikkonċernaw sitwazzjonijiet eċċezzjonali li huma ddefiniti sew. Minn dan ma jistax jiġi dedott li teżisti riżerva ġenerali, inerenti fit-Trattat, li teskludi kull miżura meħuda għal raġunijiet ta' sigurtà pubblika mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju. Ir-rikonoxximent tal-eżistenza ta' riżerva bħal din, barra mill-kundizzjonijiet speċifiċi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, jista' jippreġudika n-natura vinkolanti u l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju (ara s-sentenza tal-11 ta' Marzu 2003, Dory, C-186/01, Ġabra p. I-2479, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

69 Barra minn hekk, id-derogi stabbiliti fl-Artikoli 296 KE u 297 KE għandhom, skont ġurisprudenza stabbilita dwar id-derogi mil-libertajiet fundamentali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2006, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-503/03, Ġabra p. I-1097, punt 45; tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-490/04, Ġabra p. I-6095, punt 86, u tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-141/07, Ġabra p. I-6935, punt 50), jiġu interpretati b'mod strett.

70 B'mod iktar partikolari, għal dak li jikkonċerna l-Artikolu 296 KE, hemm lok li jiġi rrilevat li, għalkemm dan l-Artikolu jirreferi għal miżuri li Stat Membru jista' jqis neċessarji għall-protezzjoni tal-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu jew tal-informazzjoni li t-tixrid tagħha jqisu bħala kuntrarju għal dawn l-interessi, huwa xorta waħda ma jistax jiġi interpretat b'mod li jikkonferixxi s-setgħa lill-Istati Membri sabiex jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat billi sempliċement jinvokaw l-imsemmija interessi.

71 Barra minn hekk, fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Settembru 1999, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-414/97, Ġabra p. I-5585), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu inkwistjoni għaliex ir-Renju ta' Spanja ma kienx wera li l-eżenzjoni tal-imsemmija taxxa fuq l-importazzjonijiet u l-akkwisti ta' armamenti, ta' munizzjon u ta' materjali għal użu eskużivament militari, li hija eżenzjoni stabbilita mil-liġi Spanjola, kienet iġġustifikata skont l-Artikolu 296(1) (b) KE minħabba l-ħtieġa li jiġu protetti l-interessi vitali tas-sigurtà ta' dan l-Istat Membru.

72 Konsegwentement, huwa l-Istat Membru li jinvoka l-benefiċċju tal-Artikolu 296 KE li għandu jagħti prova tal-ħtieġa li juża din id-deroga bl-għan li jipproteġi l-interessi vitali tas-sigurtà tiegħu.

73 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ma jistax jiġi aċċettat li Stat Membru jeċċepixxi ż-żieda fl-ispiża tal-materjal militari minħabba l-applikazzjoni tad-dazji doganali fuq l-importazzjonijiet ta' tali materjal provenjenti minn Stati terzi sabiex jipprova jevita, b'detriment għall-Istati Membri l-oħra li minn naħa tagħhom jiġbru u jħallsu d-dazji doganali relatati ma' tali importazzjonijiet, l-obbligi li timponi fuqu is-solidarjetà finanzjarja fir-rigward tal-baġit Komunitarju.

74 Għal dak li jikkonċerna l-argument li l-proċeduri doganali tal-Komunità ma jistgħux jiżguraw is-sigurtà tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fid-dawl tal-ħtiġijiet ta' kunfidenzjalità stabbiliti fil-ftehim konkluż mal-Istati esportaturi, għandu jiġi enfasizzat, bħalma tosserva ġustament il-Kummissjoni, li fil-każ ta' pproċessar ta' data sensittiva ta' natura li tipproteġi l-interessi vitali tas-sigurtà tal-Istati Membi, l-applikazzjoni tas-sistema doganali Komunitarja tinvolvi l-intervent ta' aġenti Komunitarji u nazzjonali, li f'dan il-każ, għandhom obbligu ta' kunfidenzjalità.

75 Barra minn hekk, id-dikjarazzjonijiet li l-Istati Membri għandhom jagħmlu u jibagħtu lill-Kummissjoni perjodikament, ma jilħqux livell ta' preċiżjoni ta' natura tali li twassal għall-ħsara tal-interessi tal-imsemmija Stati, kemm fir-rigward tas-sigurtà, kif ukoll fir-rigward tal-kunfidenzjalità.

76 F'dawn iċ-ċirkustanzi u skont l-Artikolu 10 KE dwar id-dmir tal-Istati Membri li jgħinu lill-Kummissjoni fil-kompitu tagħha li tiżgura l-osservanza tat-Trattat, dawn għandhom jipprovdu lil din l-istituzzjoni bid-dokumenti meħtieġa sabiex tiġi vverifikata r-regolarità tat-trasferiment tar-riżorsi proprji tal-Komunità. Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 168 tal-konklużjonijiet tiegħu, tali obbligu ma jipprekludix li, minn każ għal każ u b'mod eċċezzjonali, abbażi tal-Artikolu 296 KE, l-Istati Membri jkunu jistgħu jillimitaw l-informazzjoni mogħtija għal ċerti elementi ta' dokument jew li jirrifjutawha kompletament.

77 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma urietx li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Artikolu 296 KE huma sodisfatti.

78 Fl-aħħar lok, fir-rigward tal-argumenti tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja intiżi li juru li, minħabba n-nuqqas ta' azzjoni fit-tul mill-Kummissjoni, kif ukoll minħabba l-adozzjoni tar-Regolament Nru 150/2003, dan l-Istat Membru seta' leġittimament jikkunsidra li l-Kummissjoni ma kinitx ser tippreżenta dan ir-rikors peress li din kienet

taċitament aċċettat l-eżistenza ta' deroga f'dan il-qasam, hemm lok li jitfakkar li l-Kummissjoni fl-ebda stadju tal-proċeduri ma abbandunat il-pożizzjoni inizjali tagħha.

79 Fil-fatt, fid-dikjarazzjoni li għamlet matul in-negozjati dwar ir-Regolament Nru 150/2003, hija esprimiet ir-rieda tagħha li ma tirrinunzjax għall-ġbir ta' dazji doganali li kellhom jitħallsu għall-perijodi ta' qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu, u rriżervat id-dritt li tieħu l-miżuri xierqa f'dan ir-rigward.

80 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, billi rrifjutat li tikkalkola, tiddikjara u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, ir-riżorsi proprji relatati mal-importazzjoni ta' materjal militari matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, kif ukoll billi rrifjutat li tħallas l-interessi moratorji dovuti wara li naqset milli tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-imsemmija riżorsi proprji, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2 u l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament Nru 1152/89 u taħt l-istess artikoli tar-Regolament Nru 1150/2000.

Fuq l-ispejjeż

81 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja tilfet, hemm lok li tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

82 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(4) tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tal-Finlandja, li intervenew fil-kawża, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi li:

1) **Billi rrifjutat li tikkalkola, tiddikjara u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea r-riżorsi proprji relatati mal-importazzjoni ta' materjal militari matul il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 1998 u l-31 ta' Diċembru 2002, kif ukoll billi rrifjutat li tħallas l-interessi moratorji dovuti wara li naqset milli tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea l-imsemmija riżorsi proprji, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 2 u l-Artikoli 9 sa 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1152/89, tad-29 ta' Mejju 1989, li jimplementa d-Deċiżjoni 88/376/KEE dwar is-sistema ta' riżorsi tal-Komunitajiet innifishom, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 1355/96, tat-8 ta' Lulju 1996, u taħt l-istess artikoli tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000, tat-22 ta' Mejju 2000, li jimplimenta d-Deċiżjoni 94/728/KE, Euratom dwar is-sistema tar-riżorsi tagħhom tal-Komunitajiet.**

2) **Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja hija kkundannata għall-ispejjeż.**

3) **Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika tal-Finlandja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Firem